

Brussell, 9 ta' Diċembru 2019
(OR. fr)

14462/19

COAFR 234
RELEX 1112
COHOM 129
COHAFA 106
CFSP/PESC 930
DEVGEN 230

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Repubblika Demokratika tal-Kongo - Konklużjonijiet tal-Kunsill (9 ta' Diċembru 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo adottati fit-3738 laqgħa tal-Kunsill tas-9 ta' Diċembru 2019.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo

1. L-aħħar elezzjonijiet fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) ippermettew l-ewwel trasferiment paċifiku tal-poter fl-istorja tal-pajjiż, u b'dan ħolqu opportunità għal stabbiltà u żvilupp inklużiv u sostenibbli fir-RDK u r-reġjun kollu kemm hu. Bil-mobilizzazzjoni tiegħu, il-poplu Kongoliż esprima b'mod ċar l-aspirazzjoni tiegħu li jkun hemm bidla. L-aspettattivi leġittimi tiegħu jridu jiġu onorati.
2. Il-President tar-Repubblika, Félix-Antoine Tshisekedi Tshilombo, esprima b'mod ċar ix-xewqa li jkun hemm appoġġ u impenn min-naħa tal-Unjoni Ewropea (UE) fir-rigward tar-RDK. L-UE biħsiebha tibqa' sieħeb u interlocutor privileġġat tar-RDK u tfakkar li qatt ma waqfet tappoġġa lill-poplu Kongoliż. Djalogu politiku miftuħ u sinċier mal-awtoritajiet Kongoliżi, kif ukoll mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u l-atturi politiċi, ser jippermetti li jiġu definiti, b'mod ikkoordinat, impenji reċiproċi li ser jiggwidaw l-azzjoni tal-UE b'appoġġ għall-programm ta' riformi. Huwa abbażi ta' dan li l-UE ser tkun tista' timpenja ruħha b'mod kostruttiv fid-RDK. Hija ser tivvaluta regolarment l-evoluzzjoni ta' din is-sħubija.

3. L-UE tilqa' l-ewwel miżuri meħuda biex titnaqqas it-tensjoni politika u biex jinfetħ l-ispazju demokratiku u thegħgeġ lill-awtoritajiet Kongoliżi biex ikomplu bl-isforzi tagħhom, minkejja li għad fadal sfidi kbar. L-UE tinnota b'sodisfazzjon l-impenji meħuda mill-President favur irkupru nazzjonali bbażat fuq ir-rispett tal-istat tad-dritt, il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, inkluż l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet, il-ġlieda kontra l-impunità u l-korruzzjoni u t-titjib tas-sitwazzjoni tas-sigurtà. L-UE ser tkompli tissorvelja s-sitwazzjoni u tibqa' lesta li tappoġġa r-riformi istituzzjonali f'dawn l-oqsma. Il-persistenza ta' għadd kbir ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali, kif ukoll ta' vjolenza, inkluż il-vjolenza sesswali, teħtieġ tweġiba ġudizzjarja adatta.
4. Il-gvern, immexxi mill-Prim Ministru Sylvestre Ilunga Ilunkamba, sarraf l-impenji tal-President Tshisekedi f'programm ta' riforma ambizzjuż tal-gvern. Madankollu, l-awtoritajiet għadhom iħabbtu wiċċhom ma' sfidi sinifikanti, inkluż b'rabta mal-governanza, b'mod partikolari l-persistenza tal-korruzzjoni, il-ħasil tal-flus, il-ksur tad-dritt għall-proprjetà u l-miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi u l-impatt tagħhom fuq il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi meħtieġa biex jinkisbu l-ambizzjonijiet ta' żvilupp tal-pajjiż. Il-progress f'dawn l-oqsma għandu jgħin biex jittaffew it-tensjonijiet soċjali, ekonomiċi u politiċi. F'dan ir-rigward, l-UE tinsab lesta li tappoġġa lill-awtoritajiet Kongoliżi u thegħiġhom jinvolve lill-atturi rilevanti kollha fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tar-riformi, b'mod partikolari lill-partiti politiċi u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, in-nisa u ż-żgħażaġh, l-organizzazzjonijiet reliġjużi kif ukoll is-settur privat.

5. Sabiex tiġi kkonsolidata d-demokrazija u tkun garantita l-istabbiltà, u b'antiċipazzjoni ta' elezzjonijiet futuri, l-UE tappella għar-riforma tal-istituzzjonijiet li jiggarrantixxu d-demokrazija u l-proċessi elettorali, b'mod partikolari l-Qorti Kostituzzjonali u l-Kummissjoni Elettorali Nazzjonali Indipendenti, bħala parti minn proċess inklużiv u kredibbli. It-trasparenza u l-kredibilità tal-elezzjonijiet futuri u l-partiċipazzjoni ta' kulħadd, inkluż iż-żgħażaġh u n-nisa, ser ikunu essenzjali biex tiġi kkonsolidata l-istabbiltà fir-RDK.
6. L-UE tissottolinja l-kontribut fundamentali tas-soċjetà ċivili fil-ħajja soċjali u politika fir-RDK u r-rwol li s-soċjetà ċivili għandha tkompli taqdi f'dan il-qasam. L-UE ser tibqa' impenjata lejn is-soċjetà ċivili.
7. L-UE tfakkar ukoll fir-rwol ċentrali tan-nisa fil-konsolidazzjoni tal-paċi biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-proċess tal-irkupru mill-kriżi, kif enfasizzat fir-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. L-UE tinkoraġġixxi lill-awtoritajiet Kongoliżi biex iwettqu l-impenji li hađu għall-irkupru nazzjonali billi jieħdu l-miżuri kollha biex tiġi żgurata l-partiċipazzjoni indaqs tan-nisa, inkluż is-superstiti ta' vjolenza sesswali u l-persuni spostati f'pajjiżhom, bi sforz li jinżammu u jiġu promossi l-paċi u s-sigurtà. L-UE tinkoraġġixxi lill-awtoritajiet Kongoliżi biex isaħħu l-prevenzjoni tal-vjolenza sesswali relatata mal-konflitt.

8. Fil-Lvant tal-pajjiż, b'mod partikolari fit-Tramuntana u n-Nofsinhar ta' Kivu u f'Ituri, il-livell ta' insigurtà u instabbiltà, in-nuqqas tal-awtorità tal-Istat f'ċerti territorji u l-għadd kbir ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa minn gruppi armati iżda anki minn aġenti statali, jibqgħu sors ta' tħassib. Jenħtieġu sforzi addizzjonali mill-awtoritajiet, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra l-gruppi armati. L-UE tinkoraġġixxi lill-awtoritajiet Kongoliżi biex isegwu, b'mod inklużiv u trasparenti, il-proċess ta' "diżarm, demobilizzazzjoni u reintegrazzjoni" billi jadattawh għall-ħtiġijiet u għall-kuntest, billi jmorru lil hinn minn soluzzjonijiet purament militari, billi jqiegħdu enfasi qawwija fuq is-soċjetà ċivili, lin-nisa u lill-integrazzjoni soċjoekonomika tal-popolazzjonijiet, u billi jikkooperaw mal-Missjoni tal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Istabbilizzazzjoni tar-RDK (MONUSCO) u l-pajjiżi tar-reġjun, u hija ser takkumpanjahom fl-isforzi tagħhom.
9. Ir-riforma tas-settur tas-sigurtà, li hija wkoll kruċjali, għandha titwettaq b'mod kostruttiv, realistiku u gradwali, sabiex tiġi żgurata l-modernizzazzjoni strutturali u l-professjonalizzazzjoni tas-setturi tal-pulizija, tad-difiża u tal-ġustizzja.
10. L-UE ser tappoġġa l-isforzi tal-awtoritajiet Kongoliżi f'dawn l-oqsma biex jiġu promossi l-paċi, is-sigurtà, l-istat tad-dritt u r-ritorn tal-istat fit-territorju kollu tal-pajjiż, filwaqt li ser tenfasizza l-ħtieġa għal sjieda ġenwina tar-riformi. Is-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti, u b'mod partikolari l-MONUSCO u l-Uffiċċju Konġunt tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem, jaqdu rwol importanti f'dan l-appoġġ, u l-UE tilqa' l-isforzi tagħhom.
11. L-UE tappella lill-awtoritajiet Kongoliżi biex jirduppjaw l-isforzi tagħhom fil-qasam tal-ġlieda kontra l-impunità sabiex iressqu quddiem il-ġustizzja lill-awturi ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem. Dan huwa indispensabbli biex jerġgħu jinkisbu l-fiduċja u l-appoġġ tan-nies.

12. Kif wegħdet f'Diċembru 2018, l-UE rrieżaminat il-miżuri restrittivi individwali imposti fuq xi individwi Kongoliżi. L-UE ddeċidiet li tirrevedihom, u ser terġa' teżaminahom u tinsab lesta li tadattahom, filwaqt li tqis l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni fir-RDK.
13. L-isforzi tal-President Tshisekedi għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni reġjonali favur il-paċi huma garanzija ta' stabbiltà u żvilupp sostenibbli. L-UE ser tkompli tappoġġa lir-RDK u lill-ġirien tagħha biex jiġu promossi l-integrazzjoni reġjonali u l-implimentazzjoni ta' impenji politiċi reċiproċi bħal dawk li diġà ttehdwu fil-Ftehim Qafas ta' Addis Ababa tal-2013, jew f'oqfsa reġjonali oħra bħall-Konferenza Internazzjonali dwar ir-Reġjun tal-Lagi l-Kbar.
14. Parti mill-popolazzjoni Kongoliża tibqa' partikolarment affettwata mis-sitwazzjoni umanitarja preokkupanti, li hija kkaratterizzata, fost l-oħrajn, minn kriżi alimentari u nutrizzjonali sinifikanti u ċ-ċaqliq tal-popolazzjoni, li huwa fost l-ogħla fil-kontinent, b'mod partikolari minħabba sitwazzjoni ta' sigurtà volatili ħafna fil-Lvant tal-pajjiż. It-theddida kontinwa tat-tixrid ta' epidemiji bħall-Ebola u l-ħosba qed tkabbar il-vulnerabbiltà ta' popolazzjonijiet fil-bżonn ta' assistenza umanitarja. L-UE ser tkompli tappoġġa lir-RDK f'dan il-qasam, permezz tal-azzjoni umanitarja tagħha u l-appoġġ tagħha għat-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa. F'dan il-kuntest, hija tilqa' l-impenn tal-President u tal-gvern li jindirizzaw is-sitwazzjoni umanitarja u l-kawżi ewlenin tagħha.

15. B'mod simili għall-appoġġ tagħha għas-Sħubija għall-Foresti tal-Pjanura tal-Kongo, l-UE biħsiebha tkompli u tapprofondixxi l-koooperazzjoni u d-djalogu tagħha mill-qrib mar-RDK b'rabta mal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, għall-preservazzjoni tal-ambjent u l-bijodiversità kif ukoll rigward il-ġestjoni trasparenti u sostenibbli tar-riżorsi naturali, inkluż il-ġlieda kontra l-isfruttament illegali u t-traffikar tagħhom. Dawn l-isfidi huma wkoll sors ta' opportunitajiet għall-poplu Kongoliż, partikolarment f'termini ta' sigurtà alimentari, ekonomija ekoloġika u l-ħolqien ta' impjiegi.
16. Abbażi ta' impenji reċiproċi, l-UE ser takkumpanja wkoll l-azzjonijiet meħuda mill-awtoritajiet immirati lejn il-konsolidazzjoni tal-qafas makroekonomiku u l-involviment mill-ġdid tagħhom mal-Fond Monetarju Internazzjonali, ġestjoni mtejba tal-finanzi pubbliċi, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u t-titjib tal-klima kummerċjali, inkluż il-ġlieda kontra l-kompetizzjoni inġusta u l-promozzjoni tar-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji sabiex jiġu ffaċilitati b'mod ġust u sostenibbli l-intraprenditorija u l-investiment Ewropej b'appoġġ għall-istrategġija tal-Kongo kontra l-faqar u t-tkabbir inklużiv u sostenibbli.
17. L-UE ser tkompli tikkoordina mill-qrib mal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti, l-Unjoni Afrikana u l-organizzazzjonijiet u l-mekkaniżmi reġjonali li tagħhom ir-RDK hija membru, il-pajjiżi tar-reġjun u s-sħab internazzjonali kollha tagħha b'appoġġ għall-konsolidazzjoni tal-paċi, l-istabbiltà u l-iżvilupp inklużiv u sostenibbli fir-RDK.
-